**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 26 – IT-TLIETA, 9 TA' AWWISSU 2016 FIS-6.05PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 25

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Alfed Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mill-Minuti

2.1 Ġie innutat li l-PO għat-tabella un/loading inbidlet għas-7.00am – 4.00pm.

2.2 Sar il-patching li kien hemm bżonn fi Triq il-Barbaġann.

2.3 Għandha tintbagħat reminder lil TM fuq it-toroq Ġojjin u Fikus li tkellimna fuqhom fil-laqgħa ma' TM.

2.4 Sar kuntatt mas-sid tal-għalqa fi Triq ir-Russett biex il-ħaxix li hemm ħiereġ għat-triq jinqata'.

2.5 Għandu jitkompla s-solvejanza fuq il-kennis.

2.6 Il-Kumitat innota li sar ix-xogħol fuq il-ħajt u s-soft area li jinsabu fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq l-Isponsun.

2.7 Ġie innutat ukoll li l-mutur abbandunat fi Triq tas-Sliema tneħħa.

2.8 Ġie innutat li nħarġet il-PO għat-tiswija ta' diversi tabelli u ħafna mix-xogħol diġà sar.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Saret il-laqgħa ma’ TM fejn attendew is-Sur Stefan Bonello Ghio, is-Sur Alfred Mangion u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi r-resurfacing ta' Triq il-Ġojjin u Triq il-Fikus fejn uffiċjali ta' TM għandhom jagħmlu site visit. Għandha tintbagħat reminder fuq dawn. Kien hemm konferma wkoll minn TM li għandha ssir l-ispeed indicator fi Triq tas-Sliema. Għandha ssir reminder fuq din ukoll.

3.2 Saret ukoll talba lil LESA, kif ġie ssuġġerit mit-TM biex isiru speed cameras fi Triq Birkirkara u Triq il-Ħida.

3.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li titwaħħal bicycle stand fi Triq Antonio Schembri fuq il-bankina l-wiesa mal-ġnien

3.4 Ġie innutat ukoll li twaħħlu żewġ outside gym equipment fi Ġnien G M Camilleri. Ġie kkonfermat li fejn dawn twaħħlu, huma l-post ideali minħabba li huma ħdejn il-kiddie area.

3.5 Ġie innutat li nbidel mill-ġdid is-safety carpet ta' taħt il-play equipment fil-kiddie area fi Ġnien G M Camilleri.

3.6 Kien hemm diskussjoni rigward is-suġġeriment li jsir charging point għal karozzi li jaħdmu bid-dawl. Kien hemm qbil li jiġi ssuġġerit li din issir jew fi Triq iċ-Ċiefa jew fi Triq il-Fjamma.

3.7 Kien hemm qbil li terġa’ ssir il-locality map li ġiet vvandalizzata minn Triq Antonio Schembri. Kien hemm diskussjoni wkoll jekk din għandiex tinbidillha postha. Kien hemm qbil unanimu li din għanda tibqa’ fejn hi.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Dr Frank Bartolo lmenta li hemm tabella fi Triq il-Malvizz kantuniera ma’ Triq il-Ħuttaf li għandha bżonn tiġi rranġata.

4.2 Is-Sur Alfred Mangion tkellem fuq:

4.2.1 it-tabella “No Entry” ghal Triq l-Isponsun li għandha bżonn tiġi rranġata u ħdejha hemm tabella “No Stopping” li qed tħares bil-kontra.

4.2.2 Għad hemm xi partijiet bil-ħaxix ħażin taħt u fuq il-bankina fit-Toroq Gallina, Rundun, Ħida u Birkirkara.

4.2.3 Għad hemm rampa li qed tastokola il-bankina quddiem garage 40 fi Triq San Franġisk.

4.2.4 Trid tinbidel it-tabella “No Heavy Vehicles” fl-entratura ta' Triq Antonio Schembri

4.2.5 Fi Triq il-Kuċċard u Triq il-Bilbla hemm siġar li għandhom bżonn żabra minħabba li qed jastokolaw il-bankina.

4.2.6 Hemm mutur bla number plates u bla licenzja fi Triq il-Buqrajq.

4.2.7 Hemm karozzi abbandunati bla liċenzja fi Triq il-Kuċċard

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**